

Brussell, 20 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10597/23

POLGEN 62

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Immexxu l-Aġenda Strateġika 'l quddiem Programm ta' 18-il xahar tal-Kunsill (1 ta' Lulju 2023 - 31 ta' Diċembru 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-programm ta' 18-il xahar tal-Kunsill, imħejji mill-Presidenza Spanjola, Belġjana u dik Ungeriża futuri u mir-Rappreżentant Għoli, President tal-Kunsill Affarijiet Barranin.

Il-programm**I. INTRODUZZJONI**

It-Triju ta' Presidenzi - Spanja, il-Belġju u l-Ungerija - ser jaħdmu flimkien biex isibu soluzzjonijiet komuni għall-isfidi u l-ħidma li ġejjin. Il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna flimkien ma' inċertezza globali dejjem akbar jirrikjedu li l-Unjoni Ewropea ssaħħa ir-reżiljenza u l-awtonomija strateġika tagħha.

Dan ifisser:

- it-tisħiħ tal-kompetittività globali tal-UE permezz tat-tisħiħ tal-bażi industrijali tagħna f'konformità mat-tranżizzjoni aċċellerata doppja ekoloġika u diġitali u bl-użu tal-innovazzjoni;
- l-iżgurar li t-tranżizzjoni doppja hija ekwa, ġusta u inklużiva billi tissaħħa id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa, inkluż billi tiġi indirizzata l-isfida demografika li qed tiffaċċa l-UE;
- it-tisħiħ tas-sħubijiet internazzjonali, il-kooperazzjoni multilaterali, u s-sigurtà fid-dimensjonijiet kollha tagħha, kif ukoll il-bini ta' politika kummerċjali ambizzjuża u bbilanċjata, filwaqt li fl-istess ħin jiġu difiżi l-interessi tal-UE b'mod aktar assertiv, abbażi tal-valuri tagħna, u t-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE li taġixxi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża.

It-triju jimpenja ruħu li jmexxi l-ħidma tal-Kunsill fi tmiem iċ-ċiklu istituzzjonali attwali biex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għal dik li jmiss. It-triju ser jikkontribwixxi wkoll għal riflessjonijiet dwar kif għandhom jiġu integrati membri ġodda b'mod li jsahha il-politiki Ewropej ewlenin.

Filwaqt li jibni fuq l-esperjenza miksuba permezz tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, it-triju qed ikompli bl-isforzi biex isahha id-djalogu maċ-ċittadini, flimkien mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE fi ħdan il-kompetenzi tagħhom.

II. L-IŻVILUPP TAL-BAŻI EKONOMIKA TAGĦNA: IL-MUDELL EWROPEW

GĦALL-FUTUR

It-triju ser jaħdem fuq l-approfondiment tas-suq uniku tal-UE b'mod li jżomm kondizzjonijiet ekwi għall-Istati Membri kollha, u fuq it-tneħħija ulterjuri tal-ostakli bil-ħsieb li jiġu pprovduti kondizzjonijiet qafas adegwati għal ekonomija tal-UE li tibqa' valida fil-futur u li tissaħħaħ il-kompetittività fit-tul tal-UE u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv. It-triju ser jippromwovi l-awtonomija strateġika miftuħa, ir-reżiljenza ekonomika, iċ-ċirkolarità u l-kompetittività għall-UE fil-politika industrijali tagħha, b'enfasi partikolari fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. Għandha tingħata l-attenzjoni dovuta lir-rwol tal-SMEs fis-suq uniku tal-UE u lit-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-kumpaniji.

It-triju ser ikollu l-għan li jiffinalizza r-rieżami tar-regoli fiskali tal-UE bil-ħsieb li tiġi żgurata s-sostenibbiltà fiskali fl-UE u jiġu promossi l-istabbiltà makroekonomika u t-tkabbir, filwaqt li tiġi ssalvagwardata l-kapaċità tal-Istati Membri li jiffinanzjaw investimenti sostenibbli u produttivi u jadottaw riformi strutturali. Huwa ser jeżamina wkoll l-iżvilupp ulterjuri tad-dimensjoni soċjali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

It-triju ser jaħdem fuq ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 filwaqt li jiżgura progress fil-proposti leġislattivi dwar sett ġdid ta' riżorsi proprji, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali ta' Diċembru 2020.

It-triju ser jikkontribwixxi għat-tlestija tal-Unjoni Bankarja u l-progress lejn Unjoni tas-Swieq Kapitali reali.

Ser issir enfasi fuq aktar azzjonijiet biex tiġi mmodernizzata u ssimplifikata s-sistema komuni tal-VAT billi titħaddan id-diġitalizzazzjoni u fuq il-ħidma mmirata biex tonqos id-diskrepanza tal-VAT, għall-benefiċċju kemm tal-baġits nazzjonali kif ukoll tal-UE.

It-triju ser imexxi 'l quddiem it-traspożizzjoni fil-liġi tal-UE tal-qafas tal-OECD dwar ir-riforma tat-tassazzjoni internazzjonali.

It-triju ser jikkontribwixxi għar-reviżjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni biex jibqa' validu fil-futur, bil-ħsieb li tinkiseb prestazzjoni aktar armonizzata, tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u tal-infurzar tal-liġi u jittieħed vantaġġ minn teknoloġiji ġodda biex jiżdiedu l-effiċjenza u l-kompetittività, filwaqt li jiġi protett is-suq intern.

It-triju ser jikkontribwixxi għal proċess ta' riflessjoni dwar il-futur tal-politika ta' koeżjoni ta' wara l-2027, f'konformità mal-oġġettivi stabbiliti fit-Trattati, b'hal mutur tal-konverġenza, l-investiment u t-trasformazzjoni. L-għan għandu jkun li jitnaqqsu d-disparitajiet, b'enfasi partikolari fuq ir-reġjuni l-anqas żviluppati, iż-żoni rurali, iż-żoni urbani marbuta ma' dawn tal-aħħar, kif ukoll iż-żoni affettwati mit-tranżizzjoni industrijali, ir-reġjuni li jbatu minn sfidi naturali jew demografiċi gravi u permanenti, u r-reġjuni ultraperiferiċi.

It-triju ser jaħdem biex isaħħaħ id-drittijiet u l-protezzjoni tal-konsumaturi, filwaqt li jħeġġeġ bidliet fid-drawwiet tal-konsum lejn xejriet li huma aktar sostenibbli għall-pjaneta. It-triju ser iwettaq proċess ta' riflessjoni dwar il-futur ta' qafas settorjali tal-UE għall-kummerċ elettroniku li jikkomplementa l-Att reċenti dwar is-Servizzi Diġitali.

It-triju ser jagħti prijorità lill-kooperazzjoni tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni bil-għan li jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin għall-UE bl-għajnuna tar-riċerka u l-innovazzjoni.

It-triju ser jiffoka fuq ir-regolamentazzjoni tal-ispazju, b'mod partikolari l-immaniġġar tat-traffiku fl-ispazju. Huwa ser jiżviluppa wkoll infrastruttura spazjali b'enfasi speċjali fuq iċ-ċibersigurtà u l-konnettività sigura.

It-triju ser imexxi 'l quddiem il-ħidma fuq it-trasformazzjoni diġitali filwaqt li jiżgura li ħadd ma jitħalla jibqa' lura (inklużività diġitali) u jiżgura l-affidabbiltà tal-intelliġenza artifiċjali u t-teknoloġiji l-ġodda u approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għalihom. It-triju ser imexxi 'l quddiem il-ħidma fuq euro diġitali u l-aċċess għad-data finanzjarja, u jagħmel progress fit-twettiq tal-miri tad-Deċennju Diġitali tal-2030, inkluż it-trawwim tal-konnettività tal-gigabits u l-implimentazzjoni tal-5G u s-6G.

It-triju ser jipprovdi t-tiżiħ tal-opportunitajiet tat-tagħlim tul il-ħajja, filwaqt li jagħmel l-edukazzjoni u t-taħriġ – inkluż l-edukazzjoni diġitali u t-taħriġ – inklużivi u aċċessibbli għal kulħadd. Ser tingħata attenzjoni partikolari lill-opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet għaċ-ċittadini Ewropej biex jippreparawhom jindirizzaw trasformazzjonijiet futuri fis-soċjetà, l-ekonomija u s-suq tax-xogħol. It-triju ser ikompli jiżviluppa l-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali.

III. IL-ĦARSIEN TAĊ-ĊITTADINI U TAL-LIBERTAJIET

Filwaqt li jfakkar fit-30 anniversarju tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Maastricht u l-ħolqien taċ-ċittadinanza tal-UE, it-triju ser ikollu l-għan li jsahha l-ispazju ta' liberta, sigurtà u għustizzja fid-dimensjonijiet interni u esterni tiegħu f'konformità mal-valuri tal-UE u b'rispett għad-drittijiet fundamentali tal-UE.

Il-valuri komuni li jirfdu l-mudelli demokratiċi u tas-soċjetà tagħna huma l-pedament tal-libertà, is-sigurtà u l-prosperità Ewropej. L-istat tad-dritt, bir-rwol kruċjali li jaqdi fid-demokrazzi kollha tagħna, huwa garanti ewlieni li dawn il-valuri jitħarsu sew; dan irid jiġi rrispettat b'mod sħiħ mill-Istati Membri kollha u l-UE.

Filwaqt li jfakkar li l-migrazzjoni hija sfida Ewropea li teħtieġ rispons Ewropew, it-triju jirriafferma l-impenn tiegħu li jkompli l-ħidma fuq ir-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil u l-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, u li jagħmel kull sforz biex jiżgura l-adozzjoni tagħhom. Ser jappoġġa wkoll l-isforzi biex jinkiseb il-bilanċ it-tajjeb bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà u biex jiżdiedu l-azzjonijiet dwar id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, inkluż billi jitravmu sħubijiet komprensivi u ta' benefiċju reċiproku dwar il-migrazzjoni ma' pajjiżi ewlenin ta' oriġini u ta' tranżitu.

It-triju ser jikkontribwixxi biex jissaħħa il-funzjonament tajjeb u r-reżiljenza taż-żona Schengen u ser jiffoka fuq it-tisħiħ tal-fruntieri esterni.

It-triju ser jagħmel sforzi biex isahha il-ġlieda effettiva kontra l-kriminalità transfruntiera organizzata serja, it-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, inkluż il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin, il-kuntribandu tal-armi, it-traffikar tal-bnedmin, il-finanzjament għal skopijiet estremisti u l-prevenzjoni tat-terroriżmu, u l-għoti ta' għajnuna lill-vittmi tat-terroriżmu.

It-triju jqis li għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, kif ukoll id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda, ir-razziżmu, l-antisemiżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza.

It-triju ser jagħti prijorità lill-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali u f'materji kriminali. Id-diġitalizzazzjoni tal-għustizzja ser tkun prijorità orizzontali, bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-għustizzja u jittejbu l-effiċjenza u r-reżiljenza ġenerali tas-sistemi ġudizzjarji.

It-triju ser ikompli l-ħidma biex ikompli jiġu ssimplifikati l-istrutturi tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżijiet.

It-triju ser jimplimenta l-istrateġija taċ-ċibersigurtà tal-UE u jistinka għal awtonomija strateġika akbar fit-teknoloġiji diġitali.

IV. IL-BINI TA' EWROPA B'IMPATT NEWTRALI FUQ IL-KLIMA, EKOLOĠIKA, EKWA U SOĖJALI

It-triju ser jistinka għall-implimentazzjoni f'waqtha, ekwa u soċjalment ġusta tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" u ser ikompli jaħdem fuq il-fajls leġislattivi pendenti. Fil-kuntest tan-negozjati internazzjonali, it-triju ser ikompli bi sforzi biex jagħmel pressjoni għal eżitu ambizzjuż tal-COPs tal-UNFCCC u biex jipprovdi inċentivi lill-partijiet biex isaħħu l-ambizzjoni klimatika tagħhom. It-triju ser ikollu l-għan li jappoġġa l-konsum u l-produzzjoni sostenibbli u jaċċellera t-tranżizzjoni lejn ekonomija effettiva, inklużiva, ċirkolari u ekoloġika billi jimplimenta l-pjan ta' azzjoni u jappoġġa l-inizjattivi f'dan il-qasam. It-triju ser jappoġġa miżuri biex tiġi protetta l-bijodiversità fl-UE (biex tiġi restawrata n-natura u tiġi protetta, u biex jiġi eliminat it-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija billi jiġu rieżaminati l-miżuri eżistenti) u fil-livell internazzjonali (inkluż permezz ta' appoġġ għall-ħidma tal-ftehimiet internazzjonali relatati mal-bijodiversità). It-triju ser ikompli bl-isforzi tiegħu lejn sustanzi kimiċi sikuri u sostenibbli għaċ-ċittadini u għall-ambjent.

It-triju ser jaħdem biex tittejjeb aktar il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u ser isegwi mill-qrib l-implimentazzjoni tal-istrateġija l-ġdida tal-UE għall-foresti għall-2030.

It-triju ser jagħti attenzjoni speċjali lill-immaniġġar tal-iskart.

It-triju ser jappoġġa l-ħidma fuq qafas leġislattiv għal sistemi tal-ikel sostenibbli u fuq id-diversi inizjattivi ta' tikkettar biex tinkiseb politika Ewropea awtonoma dwar l-ikel. F'dan ir-rigward, it-triju ser jagħti attenzjoni speċjali lis-sostenibbiltà tal-agrikoltura, is-sajd u l-akkwakultura, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni f'dawk is-setturi, u t-trattament xieraq tal-annimali, filwaqt li jissalvagwardaw is-sikurezza u s-sigurtà tal-ikel Ewropej u jsaħħu r-reżiljenza tas-sistema Ewropea tal-ikel.

It-triju ser isegwi mill-qrib l-implimentazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) riformata u t-fassil tal-PAK il-ġdida ta' wara l-2027. Dwar is-sajd, it-triju ser jagħti attenzjoni speċjali lid-dimensjoni esterna tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS).

It-triju ser ikompli bl-isforzi biex issir tranżizzjoni lejn enerġija nadifa b'enfasi partikolari fuq il-faċilitazzjoni u l-iżvilupp ta' infrastrutturi tal-enerġija transfruntiera, sabiex jiġu indirizzati l-konġestjonijiet. It-triju ser jistinka biex jiżgura provvista tal-enerġija sigura, sostenibbli u affordabbli għaċ-ċittadini u n-negozji u ser jaħdem fuq ir-rieżami tat-tfassil tas-suq tal-elettriku tal-UE.

L-ekoloġizzazzjoni tat-trasport u l-inkoraġġiment tal-iżvilupp ta' mezzi ta' trasport sostenibbli ser ikunu prijorità għat-triju. It-triju ser javvanza ħidma fuq inizjattivi leġiżlattivi, b'enfasi partikolari fuq il-promozzjoni ta' mobbiltà aktar intelliġenti, it-titjib tad-drittijiet tal-passiġġieri u l-iżgurar tas-sigurtà.

It-triju ser ikompli bl-isforzi lejn implimentazzjoni effettiva tal-pjan ta' azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għall-ekonomija soċjali. Ser tingħata attenzjoni speċjali biex jiġu esplorati modi biex tiġi indirizzata l-isfida demografika li qed tiffaċċa l-UE. It-triju ser jiffoka fuq it-tisħiħ tal-mobbiltà ekwa tal-forza tax-xogħol fl-Unjoni, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u għall-protezzjoni tal-ħaddiema, u fuq l-iżgurar tas-saħħa u s-sikurezza, l-inklużività u n-nondiskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol. It-triju ser jagħti attenzjoni partikolari għall-istress u l-eżawriment fuq il-post tax-xogħol, f'konformità mal-inizjattiva l-għdida tal-Kummissjoni dwar is-saħħa mentali. It-triju ser jappoġġa l-inklużjoni, b'mod partikolari billi jiffaċilita l-integrazzjoni ta' daww il-kategoriji li huma l-aktar vulnerabbli jew f'riskju ta' esklużjoni. It-triju ser imexxi 'l quddiem ukoll diskussjonijiet dwar l-inizjattiva mill-Kummissjoni dwar il-Karta tad-Diżabbiltà tal-UE.

It-triju ser jaħdem biex ikompli jsaħħa l-Unjoni tas-Saħħa tal-UE u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa li huma aċċessibbli għal kulħadd, jibni t-tnejn għal emerġenzi tas-saħħa futuri u jippromwovi s-saħħa u stili ta' ħajja sani. It-triju ser ikompli l-ħidma fuq ir-reżistenza għall-antimikrobiċi u fuq l-aċċessibbiltà għall-mediċini li jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-saħħa pubblika tagħna. Huwa ser jistinka wkoll biex ittejjeb il-prevenzjoni tar-riskji għas-saħħa permezz ta' approċċ ta' "saħħa waħda". It-triju ser jaħdem biex jappoġġa l-istrateġiji tas-saħħa Ewropej fost l-oħrajn dwar is-saħħa mentali, il-mard kardjovaskulari u l-mard rari, kif ukoll l-inizjattiva tas-saħħa globali.

It-triju ser juri l-impenn tiegħu lejn l-ispinta li għandha tingħata lis-setturi kulturali u kreattivi Ewropej billi jippromwovi d-diversità kulturali, jistimula t-trasformazzjoni diġitali u dik ekoloġika tagħha u jtejjeb l-aċċess għall-kultura. It-triju jimpenja ruħu li jimplimenta l-pjan ta' ħidma Ewropew għall-kultura. It-triju ser iqiegħed l-aspirazzjonijiet taż-żgħażaġh fiċ-ċentru tal-politiki Ewropej, b'enfasi speċjali fuq daww b'inqas opportunitajiet. It-triju ser jivvaluta l-pjan ta' ħidma Ewropew attwali għall-isport u jadotta s-suċċessur tiegħu, filwaqt li jiffoka l-isforzi fuq il-promozzjoni tal-isport, inkluż l-isport mhux organizzat.

F'konformità mal-Aġenda Ewropea għat-Turiżmu 2030, it-triju ser jiffoka fuq ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà, iċ-ċirkolarità u l-governanza mmexxija mid-data tal-ekosistema tat-turiżmu.

V. IL-PROMOZZJONI TAL-INTERESSI U L-VALURI TAL-EWROPA FID-DINJA

It-triju jfakkar li l-Unjoni Ewropea affermat mill-ġdid l-appoġġ politiku, ekonomiku, finanzjarju, militari u umanitarju sod u kontinwu tagħha għall-Ukrajna fl-eżerċizzju tad-dritt inerenti tagħha ta' awtodifiża kontra l-aggressjoni illegali tar-Russja, sakemm ikun hemm bżonn, filwaqt li tqis l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Istati Membri kollha. It-triju huwa impenjat li jgħin lill-bqija tad-dinja jlaħħaq mal-konsegwenzi tal-gwerra tar-Russja u jikkontribwixxi għall-koordinazzjoni tal-appoġġ finanzjarju fit-tul għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, u ser jagħti attenzjoni partikolari lill-obbligu ta' rendikont, id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza f'konformità mad-dritt internazzjonali, f'koordinazzjoni mill-qrib mas-sħab globali.

It-triju ser javvanza l-proċess tat-tkabbir tal-UE f'konformità mal-metodoloġija l-ġdida, abbażi tar-rappurtar tal-Kummissjoni u billi jsegwi approċċ ibbażat fuq il-mertu, filwaqt li jżomm f'moħħu l-kapaċità tal-UE li tassorbi membri ġodda. Ser ikun hemm fokus speċifiku biex ikompli jiġi żviluppat id-djalogu politiku regolari mal-pajjiżi tat-tkabbir u li jingħataw il-mezzi biex jagħmlu progress fir-rispett tal-kriterji ta' Copenhagen.

Il-viċinat dirett tal-Unjoni Ewropea ser jibqa' punt fokali ewlieni. It-triju ser jappoġġa lill-UE u lis-sħab tagħha fl-indirizzar tal-bosta sfidi li jiffaċċaw u, fejn rilevanti, l-implimentazzjoni tal-aġendi ta' riforma tagħhom. It-triju ser jaħdem biex jagħmel użu sħiħ mill-qafas il-ġdid tal-UE mar-Renju Unit, kif ukoll sħubiji maż-Żona Ekonomika Ewropea u l-Iżvizzera, u ser jaħdem fuq it-tisħiħ tas-sħubijiet mas-Sħubija tal-Lvant u mal-Viċinat tan-Nofsinhar u l-Balkani tal-Punent, inkluż fil-livell tal-mexxejja fit-tieni semestru tal-2023 u t-tieni semestru tal-2024; rispettivament, it-triju jimmira wkoll lejn relazzjoni kooperattiva u ta' benefiċċju reċiproku mat-Turkija, ibbażata fuq il-qafas deċiż mill-Kunsill Ewropew.

It-triju ser jgħin biex tissawwar il-Komunità Politika Ewropea (EPC) bħala forum għal djalogu politiku ta' livell għoli madwar il-kontinent kollu bejn l-Istati Membri tal-UE u l-eqreb ġirien tagħhom dwar l-istabbiltà u s-sigurtà Ewropea, is-sigurtà tal-enerġija u r-reżiljenza.

It-triju ser jippromwovi pożizzjoni assertiva tal-UE fid-difiża tal-Karta tan-NU, id-dritt internazzjonali, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd u l-protezzjoni u t-twettiq tagħhom, ir-rispett għad-drittijiet tax-xogħol, u l-valuri demokratiċi f'fora multilaterali. It-triju ser iħeġġeġ approċċ ta' "Tim Ewropa" dwar it-temi globali ewlenin u l-koordinazzjoni dwar is-sensibilizzazzjoni u l-viżibbiltà, u ser ifittex li jibni sħubijiet ġodda biex jintlaħqu l-oġettivi tagħna. It-triju ser jaħdem lejn l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Global Gateway billi jimmobilizza bis-sħiħ l-atturi rilevanti kollha, b'mod partikolari s-settur privat Ewropew u l-industrija.

It-triju ser imexxi 'l quddiem il-ħidma fuq aġenda kummerċjali bilaterali ambizzjuża u bbilanċjata li tkun miftuħa, sostenibbli u assertiva, inkluż matul l-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali, bil-ħsieb li tingħata spinta lit-tkabbir u jingħata kontribut għall-prosperità taċ-ċittadini u l-kumpaniji tal-UE, b'enfasi speċjali fuq l-SMEs. L-UE teħtieġ ukoll li taħdem b'mod kostanti fuq ir-restawr tas-sistema kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli billi tippromwovi r-riforma tal-funzjonament u l-effettività tad-WTO. It-triju ser ikompli l-ħidma fuq l-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ u ser jimplementahom.

Fir-rigward tal-Amerka Latina u l-Karibew, it-triju ser jagħti segwitu għas-summit UE-CELAC li ser isir f'Lulju 2023, u ser jaħdem lejn it-twettiq effettiv tal-impenji li jsiru fis-summit.

It-triju ser jappoġġa sħubija strateġika ta' benefiċċju reċiproku u relazzjoni pożittiva mal-Istati Uniti, inkluż fil-qafas UE-NATO. Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija orjentat lejn ir-riżultati għandu jimxi id f'id mas-soluzzjoni tal-ostakli kummerċjali tagħna u mal-ħidma biex jiġu żgurati kondizzjonijiet dinjija ekwi. Huwa ser jappoġġa s-sħubija strateġika mal-Kanada, filwaqt li jaħdem lejn Summit ta' suċċess bejn l-UE u l-Kanada.

It-triju ser jiżgura wkoll segwitu għas-summit UE-Unjoni Afrikana ta' Frar 2022, u ser jaħdem fuq it-twettiq effettiv tal-impenji li saru.

It-triju ser jippromwovi d-djalogu, il-kooperazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà fir-reġjun Asja-Paċifiku, filwaqt li jibni fuq l-Istrateġija tal-UE għall-Indo-Paċifiku. Fir-rigward tar-relazzjonijiet maċ-Ċina, it-triju huwa impenjat li jimplementa l-approċċ multidimensjonali approvat mill-Kunsill Ewropew. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Asja Ċentrali ser jiġi esplorat, abbażi tal-istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali tal-2019.

Fid-dawl tal-ambjent ta' sigurtà Ewropew li qed jinbidel u jiddeterjora malajr, it-triju huwa impenjat li jsaħħaħ il-kapaċità tal-UE li taġixxi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża billi tiġi żgurata l-implimentazzjoni f'waqtha tal-Boxxla Strateġika tal-UE, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' sħubijiet bilaterali ma' pajjiżi tal-istess fehma, u billi tiġi approfondita b'mod effettiv il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO f'konformità mat-tielet dikjarazzjoni konġunta ffirmata f'Jannar 2023. Id-definizzjoni tal-prijoritajiet tas-sħubija strateġika UE-NU dwar operazzjonijiet ta' paċi u maniġġar ta' kriżijiet lil hinn mill-2024 u l-implimentazzjoni ta' aġendi globali ser ikunu wkoll kwistjonijiet ta' attenzjoni speċjali għat-tliet presidenzi.

It-triju ser jiffoka wkoll fuq il-proċess ta' rieżami strateġiku tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO), ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Fond Ewropew għad-Difiża (FEŻ) u r-reviżjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF), liema ambitu globali u livell tal-ambizzjoni huma kruċjali li jinżammu, kif ukoll ir-riflessjonijiet dwar l-iżvilupp futur tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK). It-triju ser jaħdem ukoll biex jingħalqu l-lakuni fil-kapaċitajiet u tissaħħaħ il-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista mingħajr xkiel tal-kapaċitajiet militari, inkluż permezz tal-akkwist konġunt tad-difiża u regolamenti relatati. It-triju ser jippromwovi wkoll l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Spazjali tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża, li għandha tiġi approvata mill-Kunsill matul it-tieni semestru tal-2023, u tal-Istrateġija riveduta tal-UE għas-Sigurtà Marittima u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha. It-triju ser jaħdem flimkien biex isaħħaħ ir-reżiljenza u l-kapaċità tagħna li niġġieldu t-theddid ibridi u l-attakki ċibernetiċi, inkluż permezz tal-użu ta' ċiberdiplomazija u s-settijiet ta' għodod ibridi tal-UE.

VI. KONTRIBUT GĦAT-TĦEJJIJA TAL-AĠENDA STRATEĠIKA LI JMISS

L-ambizzjoni kondiviża tat-triju hija li jikkontribwixxi għat-tħejjija, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-Aġenda Strateġika għall-perjodu 2024-2029. F'dan il-proċess ser nisiltu tagħlimiet mill-isfidi ewlenin li ffaċċajna matul iċ-ċiklu leġiżlattiv attwali, bħall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 u l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, u ser inħarsu lejn kif nistgħu nsaħħu l-pedamenti tal-Unjoni Ewropea, u b'hekk niżguraw li l-integrazzjoni Ewropea tkompli tiggarrantixxi l-paċi, l-istabbiltà u l-benessri għall-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħha, kif għamlet għal aktar minn 70 sena.